**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-seduta 365 tat-8 ta' Lulju 2025 dwar tlaqqigħ tal-Kumitati Permanenti**

**L-ISPEAKER:** Fis-seduta tal-bieraħ, 7 ta' Lulju 2025, l-Onor. Ian Vassallo talab lis-Sedja:

> "Sur President, nixtieq niġbed l-attenzjoni tas-Sedja rigward il-problema li l-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa ilu ma jiltaqa' xhur sħaħ partikolarment meta hemm ħafna affarijiet x'jiġu diskussi. Bħala Membri tal-Oppożizzjoni ġieli tlabna biex jiltaqa' l-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa. Nirringrazzjak."

Hawnhekk is-Sedja wieġbet lill-Onor. Ian Vassallo:

> "Issa nara u nagħti direzzjoni."

Fil-konsiderazzjoni tagħha ta' din it-talba, is-Sedja bdiet billi rat l-Ordni Permanenti 120J, senjatament il-paragrafi (1) u (2) tiegħu li indikaw b'mod ċar x'inhuma s-setgħat ta' dan il-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa:

> "(a) fuq inizjattiva tiegħu stess, jiddiskuti policy u materji fil-qasam tas-saħħa li jkollhom importanza strateġika u ta' interess materjali għall-pazjenti u jirrapporta fuqhom lill-Kamra;
> (b) jifli kull rapport, pjan strateġiku, pjan ta' ħidma kif ukoll policy riferuti lilu mill-Kamra, mill-Ministru jew minn xi Kumitat Permanenti ieħor;
> (ċ) jifli materji u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-infiq kapitali u rikorrenti ta' dawk id-dipartimenti, awtoritajiet statutorji u organizzazzjonijiet pubbliċi li joperaw fil-qasam tas-saħħa pubblika;
> (d) jifli materji u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa pubblika u d-drittijiet tal-pazjent;
> (e) jiddiskuti u janalizza l-impatt tad-deċiżjonijiet tal-gvern u l-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-saħħa;
> (f) jeżamina u jirrapporta lill-Kamra dwar rapporti u dokumenti li għandhom x'jaqsmu magħhom, li jsiru mill-Awditur Ġenerali jew mill-Kummissarju għas-Saħħa;
> (g) jitlob lill-Kummissarju għas-Saħħa biex jidher quddiem il-Kumitat dwar materji relatati mal-ħidma tiegħu; u
> (h) jitlob biex persuni jidhru quddiem l-istess Kumitat sabiex jagħmlu espożizzjoni jew jagħtu rendikont tal-ħidma u tar-responsabbiltajiet tagħhom fl-oqsma li jaqtgħu taħt dan l-istess Kumitat."

Is-Sedja rat ukoll diversi rulings mogħtija minnha stess fuq dan is-suġġett, fosthom dawk tas-seduti tal-4 ta' Ġunju tal-2013, tas-17 ta' Marzu 2014, tas-6 ta' Lulju 2015, kif ukoll id-deċiżjoni mogħtija fl-4 ta' Frar 2014, fejn is-Sedja kienet ikkwotat ruling mogħti mill-Ispeaker Michael Frendo u qalet hekk:

> "Is-Sedja tagħmel referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Onorevoli Speaker Michael Frendo fis-seduta 260 tal-11 ta' Ottubru 2010, fejn kien intqal hekk:
>
> > "...minn mindu twaqqfu u bdew jitħaddmu l-Kumitati Permanenti tal-Kamra, il-prassi kostanti fil-Kumitati tal-Kamra kienet li jkun il-President ta' Kumitat li joħroġ l-Aġenda għax-xogħol tal-Kumitat. Hija stil ta' President minn ieħor jekk il-President

jikkonsultax mal-membri tal-Kumitat qabel ma jfassal din l-Aġenda jew jinterpretax huwa stess l-importanza tad-diskussjoni ta' ċerti temi għall-Kumitat innifsu. Iċ-*chairman* għandu r-responsabbiltà li jara li l-Kumitat jiltaqa' u jagħmel il-ħidma tiegħu u ma' din ir-responsabbiltà jġorr ukoll ir-responsabbiltà għall-ħruġ tal-Aġenda.

Għalhekk iċ-*Chairman* jidher li għandu l-fakultà li joħroġ l-Aġenda tal-Kumitat li huwa jippresiedi. Naturalment huwa għaqli li kull *Chairman* dejjem ifittex *consensus* fuq tali aġenda, li fiha jista' jinkludi wkoll anki *items* li xi membru tal-Kumitat ikun talab li jiġu diskussi."

Is-Sedja rat ukoll  illi l-aħħar darba li tlaqqa' l-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa kien fis-16 ta' Ottubru 2023, għajr żewġ laqgħat b'mod konġunt mal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali fl-2024. Għalhekk wara li s-Sedja kkonsidrat it-talba tal-Onor. Ian Vassallo li qal li bħala Membri tal-Oppożizzjoni ġieli talbu biex jiltaqa' l-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa peress li "hemm ħafna affarijiet x'jiġu diskussi", titlob lill-istess Chairman tal-Kumitat biex jagħmel l-almu tiegħu sabiex jintlaħaq consensus biex dan il-Kumitat jiltaqa' u jiddiskuti s-suġġetti li jridu jiġu diskussi skont l-aġenda li tiġi mfassla kif intqal f'dan ir-ruling.

Ir-ruling huwa deċiż.